MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 128/2012

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

DIKJARAZZJONI

1. Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) fl-atti tan-Nutar Dottor A Debono (Dok A) u kontestwalment mal-iffirmar tal-kuntratt l-esponent u martu ffirmaw ukoll skrittura privata li fiha huma ziedu xi kondizzjonijiet sabiex jirregolaw certi aspetti tas-separazzjoni taghhom (Dok B) ;
2. Illi l-esponent ma kienx assistit legalment u validament matul il-proceduri tas-separazzjoni peress illi martu kienet ikkonvincietu sabiex jinkarigaw avukat wiehed ghalihom it-tnejn (li qallu li b'hekk hu kien jiffranka l-flus) u wara rrizulta li l-avukat li gie imqabbad, cioe l-avukat Dr Mark Busuttil kien diga jippatrocina lill-istess martu ;
3. Illi l-esponent gie indott jahseb minn agir frawdolenti li martu u l-avukat taghha li kkonvincewh li l-kondizzjonijiet kontenuti fl-imsemmija skrittura privata kienu jifformaw parti integrali mis-separazzjoni tieghu u li tali skrittura kellha forza u validita ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.  Fil-fatt meta l-avukat Busuttil ipprepara l-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponent induna li l-avukat kien kiteb li l-esponent kellu jassenja in-nofs sehemu tal-fond li hu u martu kellhom Hal-Kirkop (78, Triq San Leonardu) u hu oggezzjona.  L-avukat insista mieghu li jekk jaghmel hekk, cioe jassenja in-nofs sehemu tal-fond fuq imsemmi, huma jehilsu s-separazzjoni malajr ghaliex il-Qorti tapprovah bla problema.  L-esponent allura staqsa lil avukat Busuttil x'kien ser jigri mid-dejn li huma kien fadlilhom mal-HSBC u s-somma ta' hmistax il-elf lira Maltin (LM 15,000) li kellhom jirrifondu lura lill-genituri tieghu.  Kien hawn allura li l-avukat Busuttil hejja l-iskrittura privata Dokument B fejn indirizza proprju l-kwistjonijiet li kien qajjem l-esponent.  Inoltre fl-imsemmija skrittura iddahhal ukoll li minn nofs sehem li kien idahhal mill-bejgh tal-fond f'Hal Kirkop, l-esponent kellu jghaddi lil martu erbghin elf lira (LM40,000) biex b'hekk jissalda f'somma kapitali l-hlas ta' manteniment lil martu ghaliha u ghat-tifel minuri tal-partijiet u allura, mal-bejgh tal-fond, l-esponent kien jieqaf milli jkompli jaghmel il-pagamenti mensili miftehma tal-manteniment stipulat fil-kuntratt notarili ;
4. Illi wara li gew iffirmati l-kuntratt u skrittura fuq imsemmija, l-esponent ircieva biss kopja tal-att notarili li kien iffirma quddiem in-Nutar A Debono u meta staqsa lil avukat Busuttil biex jaghtih kopja tal-iskrittura privata li kienu wkoll iffirmaw u li fuqha l-istess avukat Busuttil kien ffirma bhal xhud tal-firem u identita, l-imsemmi avukat qallu li ma setax jaghtih kopja taghha u li hu kien ser jibqa jzommha fil-file tieghu u li meta jrid l-esponent seta jmur l-ufficcju ghandu u jaqrahhielu ;

5. Illi ghaddew is-snin u l-fond f'Hal-Kirkop baqa ma nbieghx izda fis-sena 2011 l-esponent sab il-bejgh tieghu bil-prezz ta' tlett mija u erbghin elf euro (€340,000) (LM147,000) izda meta kellem lil martu din rrifjutat li taghmel konvenju u anzi qalet lill-esponent li hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-fond ;
6. Illi allura l-esponent rega mar ghand l-avukat Busuttil u insista li jaghtih kopja tal-iskrittura, inqala incident u l-avukat qabad u ghaddielu l-file ;
7. Illi in segwitu l-esponent mar jiehu parir minghand avukat iehor u kien hawn li skopra li l-imsemmija skrittura privata Dok B ma kellha ebda forza u/jew validata legali peress li ma kienitx giet approvata u awtorizzata mill-Imhallef tal-Qorti tal-Familja kif tistipula l-ligi ;
8. Illi allura l-esponent, tramite l-avukat tieghu, interpella lil martu sabiex tersaq ghall-att korrettorju tas-separazzjoni sabiex il-kondizzjonijiet imnizzla fl-iskrittura Dok B jigu jkollhom forza u validita' legali ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi izda hi baqghet inadempjenti ;
9. Illi l-esponent ipproceda anke b'medjazzjoni izda martu qatt ma attendiet u allura hu gie awtorizzat jipprocedi bl-istanza odjerna bis-sahha ta' digriet moghti minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 2011 (Dok. C), it-terminu ta' liema digriet gie sussegwentement estiz b'digriet iehor moghti fit-3 ta' April 2012 (Dok D) ;

RAGUNI TAT-TALBA

Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment perezz ta' kuntratt datat tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) fl-atti tan-Nutar Dottor A Debono (Dok A) u kontestwalment mal-iffirmar tal-kuntratt l-attur u il-konvenuta iffirmaw ukoll skrittura privata li fiha huma ziedu xi kondizzjonijiet sabiex jirregolaw certi aspetti tas-separazzjoni taghhom (Dok B) ;

Illi l-attur gie indott jahseb minn agir frawdolenti tal-konvenuta u l-avukat taghha li kkonvincewh li l-kondizzjonijiet kontenuti fl-imsemmija skrittura privata kienu jifformaw parti integrali tas-separazzjoni tieghu u li tali skrittura kellha forza u validita ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi ;

Illi l-attur ma kienx assistit legalment u validament matul il-proceduri tas-separazzjoni peress illi l-konvenuta kienet ikkonvinciet lill-attur sabiex jinkarigaw avukat wiehed ghalihom it-tnejn u wara irrizulta li l-avukat li gie imqabbad kien diga jippatrocina lill-istess konvenuta ;

Illi fis-sena elfejn u hdax (2011) l-attur skopra li l-imsemmija skrittura privata Dok B ma kellha ebda forza u/jew validita legali peress li ma kienitx giet approvata u awtorizza mill-Imhallef tal-Qorti tal-Familja kif tistipula l-ligi ;

Illi l-attur interpella l-konvenuta sabiex tersaq ghall-att korrettorju tas-separazzjoni sabiex il-kondizzjonijiet imnizzla fl-iskrittura Dok B jigu jkollhom forza u validita legali ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi izda il-konvenuta baqghet inadempjenti ;

Illi l-attur jinsab awtorizzat jipprocedi bl-istanza odjerna bis-sahha ta' digriet moghti minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 2011 (Dok. C), it-terminu ta' liema digriet gie sussegwentement estiz b'digriet iehor moghti fit-3 ta' April 2012 (Dok D) ;

<u>TALBIET</u>

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-kondizzjonijiet kollha kontenuti fl-iskrittura privata Dok B iffirmata mill-partijiet kontestwalment mal-att notarili tas-separazzjoni Dok A kellhom ukoll jiffurmaw parti mill-kondizzjonijiet mifehma bejn il-partijiet ghas-separazzjoni;
2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta sabiex tersaq ghall-att notarili korrettorju opportun fejn jigu nseriti l-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-iskrittura privata datata 12 ta' Gunju 2006 (Dok B) bhala formanti parti ntegrali mis-separazzjoni bejn il-partijiet

konkluza bl-att notarili datat 12 ta' Gunju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor A Debono (Dok A);

3. Ghall-effikacja tal-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu a) tal-iskrittura privata datata 12 ta' Gunju 2006, tordna sabiex fl-imsemmi att korrettorju jigi prefiss terminu perentorju sabiex il-konvenuta tbiegh il-fond numru tmienja u sebghin (78) Triq San Leonardu, Kirkop, u fin-nuqqas tordna il-bejgh tal-istess fond taht l-awtorita tal-Qorti;
4. Ghall-ahjar kjarifika tal-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu b), tordna li fl-imsemmi att korrettorju jigi stipulat li mal-hlas tas-somma ta' erbghin elf liri maltin (LM40,000) mill-attur lill-konvenuta, l-obbligi kollha assunti mir-ragel ghall-hlas ta' manteniment sija lill-konvenuta ghaliha nnifisha u dawk ghat-tifel minuri jieqfu minnufih;
5. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-imsemmi att notarili korrettorju u kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti mhix wahda cara u per konsegwenza u qabel xejn ir-rikorrent ghandu jindika b'mod car fuq liema disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-ligi hu qed isejjes il-kawza tieghu. L-intimata minn issa qeghda tirriserva l-posizzjoni taghha li tressaq aktar linji difensjonali wara li dan jitwettaq min-naha tar-rikorrent;
2. Illi preliminarjament ukoll l-intimata tirrileva li r-rikorrent kien kompartecipi f'dan kollu u issa per konsegwenza ma jistax guridikament jipproponi l-azzjoni odjerna u dana skont l-applikazzjoni tal-Art. 991(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u skont il-principju 'fraus omnia corrumpit';
3. Illi, preliminarjament ukoll, billi hemm allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-Avukat Dr Mark Busuttil li saru min-naha tar-Rikorrent dan ghandu jigi msejjah fil-kawza mill-istess Rikorrent halli dan ikun f'posizzjoni li jwiegeb ghal dan fil-kawza odjerna;

4. Illi, preliminarjament ukoll, il-kawza mressqa mir-Rikorrent hi wahda monka u dana ghaliex billi r-Rikorrent qed jallega ‘frodi’ hu kellu jipprocedi se mai u fl-ahjar ipotesi ghalih b’kawza ghar-rexissjoni u dana billi min-naha ma jistax jallega frodi u min-naha l-ohra jrid li kondizzjonijiet li saru permezz (dejjem skont ir-Rikorrent) b’agir frawdolenti jigu inkorporati fl-att ta’ separazzjoni;
5. Illi l-intimata tirrileva li hu l-att ta’ seprazzjoni konsenswali datat 12/6/2006 li hu validu u hu biss ghandu jirregola r-relazzjoni guridika ta’ bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna. Ghalhekk skont il-ligi, certament li dina il-Qorti ma tista’ tiehu l-ebda konjizzjoni ta’ xi ftehim iehor ‘l barra minn tali att pubbliku;
6. Illi l-intimata tirrileva li billi huwa r-Rikorrent li ressaq tali azjoni sta ghalih illi jipprova il-kawza tieghu u l-allegazzjonijiet li hu qed iressaq ‘il quddiem permezz tal-kawza tieghu u dan skont il-principju ta’ *qui allegat probat*. L-artikolu 562 tal-Kap. 12 ta’ Malta specifikament jemani l-fatt illi bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah.
7. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi fl-ewwel lok il-ftehim hu dak li hemm fl-att ta’ separazzjoni konsenswali biss u l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ skritturi privati li m’humiex validi ai fini u effetti kollha tal-ligi u fit-tieni lok japplika l-principju tal-‘pacta sunt servanda’ u per konsegwenza l-istess Rikorrent hu marbut b’dak li ftiehem bih u per konsegwenza ma jistax issa juza din il-kawza halli jbiddel dan;
8. Salv kull eccezzjoni ulterjuri ohra li tkun permessa bil-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-provi li gew prodotti u d-dokumenti li gew esebiti;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum dwar l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-konvenuta;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-konvenuta;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex tiddikjara li l-kondizzjonijiet fl-iskrittura privata li giet iffirmata kontestwalment mal-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejn il-partijiet jiffurmaw parti mill-kondizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet fuq is-separazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-istess intimata sabiex tersaq ghal att korrettorju tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni. Izda qabel ma jigi deciz il-mertu tal-istess kaz, il-qorti ser tghaddi sabiex taghti gudizzju fuq l-ewwel erba` eccezzjonijiet li huma ta’ natura preliminari.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm din hija sentenza preliminari, in vista tal-eccezzjonjiet invokati mill-intimata, specjalment ghal dak li jinkwadra l-ewwel eccezzjoni, huwa tajjeb li ssir referenza ghall-verzjoni tar-rikorrent dwar kif graw il-fatti, liema dettalji ghandhom jitfghu aktar dawl fuq il-kawza intavolata minnu u fuq l-istess eccezzjonijiet ta’ natura preliminari.

**Il-Verzjoni tar-rikorrent**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], r-rikorrent jaghti spjegazzjoni dwar x’wassal ghas-separazzjoni ta’ bejniethom, liema fatti m’ghandhom ebda relevanza ghall-kaz odjern. Meta mbaghad jispjega dwar l-isfond tas-separazzjoni taghhom, jghid li hu xtaq li jirranga s-sitwazzjoni ta’ bejniethom izda li hi riedet ta’ bilfors tissepara. Jghid li ma riedx jonfoq flus fuq avukati u li ried jaghmel kollox bil-kwiet. Jispjega li kienet l-intimata li semmietlu l-avukat Busuttil u kien accetta li jmur ghandu. Meta dan sar, l-avukat kien urieh kuntratt diga’ preparat u wara li kkonfermawlu li riedu li jaghmlu separazzjoni bonarja bejniethom, l-avukat ikkonferma li seta’ jagixxi ghan-nom taghhom it-tnejn. Jispjega wkoll li d-dar f’Hal Kirkop kienet inxtrat ghall-prezz ta’ Lm50,000 b’dan li ttiehdet facilita’ mal-HSBC fuq l-ammont ta’ Lm24,000[2], b’dan li fiz-zmien

[1] Esebit a fol 55 tal-process
[2] Ara Dok. E esebit a fol 62 tal-process

tas-separazzjoni d-dejn kien nizel ghal Lm2,500[3]. L-ammont kien nizel hekk peress li l-genituri tieghu kienu ddecidew li jhallsu s-somma ta' Lm20,000 biex jiffrankawlhom l-interessi fuq il-facilita'. Lill-genituri tieghu kienu ftehmu li jhallsuhom lura dan l-ammont permezz ta' pagamenti mensili ta' madwar Lm100 jew Lm120 fix-xahar, minghajr interessi. Fiz-zmien tas-separazzjoni ghalhekk id-dejn kien dak ta' Lm2500 mal-Bank u Lm15,000 mal-genituri tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jispjega li wara l-ewwel laqgha mal-avukat fejn anke talabhom xi dettalji, gew mitluba jmorru ghandu jumejn wara fejn l-abbozz tal-kuntratt kien lest. Jiddikjara li qabilx ma' kollox ghal dak li kien hemm miktub fl-abbozz ghaliex dan kien jghid li d-dar kienet ser tigi assenjata lill-mara filwaqt li ma ssemma xejn dwar id-dejn mal-genituri tieghu. Staqsa lill-avukat dwar l-assenjazzjoni tad-dar u jghid li l-avukat qallu li ser jirrangaw mod iehor. Izid jghid li l-avukat qallu li jekk jitnizzel hekk, il-kuntratt jimxi harir u jehilsu malajr mill-Qorti. Jinsisti li baqa' jghid lill-avukat li ma kienx accettabbli ghalih li jghaddi dak kollu li kien faddal ghalih f'hajtu lil martu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Ir-rikorrent ma qabilx mal-klawsola relattiva ghall-mobbli gewwa l-istess dar kif ukoll il-vettura li gew assenjati lill-intimata *stante* li b'hekk ir-rikorrent kien ser jibqa' b'xejn. Gibed l-attenzjoni wkoll dwar il-fatt li t-tort ghas-separazzjoni gie attribwit lilu izda jerga' jsostni li l-avukat qallu li dawn huma proceduri normali u li jekk isir hekk l-affarijiet jghaddu malajr. Kien abbazi ta' dawn l-oggezzjonijiet li l-avukat abbozza l-iskrittura privata, bejn il-partijiet. Jsemmi wkoll aspetti relatati mal-manteniment tal-ulied li hu stess jammetti li m'humiex imnizzla fl-iskrittura privata, pero' jispecifika li l-ammont ta' Lm40,000 imsemmi fuq l-istess skrittura privata kellu jissalda kwalunkwe manteniment dovut ghall-ulied tal-partijiet. Jaghti spjegazzjoni ta' dak li hemm imnizzel fl-iskrittura privata u jzid jghid li ghalkemm l-avukat kien qara tali skrittura, ma tahomx kopja taghha. Jghid pero' li b'dak li kien hemm imnizzel fuq l-abbozz u fuq l-iskrittura privata kien kuntent u serrah mohhu. Sussegwentement, kemm l-iskrittura privata u kemm il-kuntratt pubbliku gew iffirmati. Prezenti kien hemm l-avukat imsemmi.

[3] Ara a fol 79 tal-process

Peress li r-rikorrent ma rceviex kopja tal-iskrittura privata (meta rcieva kopja tal-kuntratt) cempel lill-avukat u dan tal-ahhar qallu li kien ahjar kieku jitkellmu dwarha. Kien ghalhekk li r-rikorrent ghamel appuntament ghand l-istess avukat. Meta mar, l-avukat rega' kkonfermalu li kollox kien sew u ghalhekk hassu sodisfatt li kollox kien kif suppost. Sussegwentement il-kuntratt gie moqri mill-genituri tieghu li kienu inkwetati fuq il-flus li kellhom jiehdu u ghalhekk tkellmu mal-avukat li serhilhom rashom li kollox kien sew. Ghadda z-zmien u r-rikorrent talab kopja tal-iskrittura lill-avukat ghall-ewwel darba izda l-avukat qallu li din kien ser izommha hu u li ma setax johrog kopji taghha.

F'Mejju 2011 ir-rikorrent sab il-bejgh tad-dar f'Hal Kirkop u ghalhekk il-partijiet ftehmu li jiltaqghu ghand l-avukat Busuttil biex jiccaraw l-affarijiet ta' bejniethom. Jghid li l-intimata qablet ma' dak kollu li kien hemm stipulat fuq l-iskrittura pero' meta ndunat li kien ser ikollha madwar Lm100,000 jew xi haga anqas, qomsot ghax ma riditx li tpoggi tali flus fil-bank minhabba l-fatt li kienet tircievi l-assistenza socjali. Fil-frattemp, l-intimata riedet tivverifika l-posizzjoni taghha u ghalhekk il-konvenju li kellu jigi ffirmat gie pospost ghal Lulju. Meta mbaghad ir-rikorrent rega' kkuntattja lill-intimata sabiex jiftehmu fuq il-konvenju li kien ghadu jrid isir, l-intimata qaltlu biex ikellimha biss fuq it-tifel u li mieghu m'ghandha x'taqsam xejn. Wara xi diskors li sar ukoll bejn l-intimata u omm ir-rikorrent, ir-rikorrent mar jiehu parir minghand avukat. Il-parir kien sabiex jivverifika jekk l-iskrittura kienitx insinwata u jekk il-post f'Hal Kirkop kienx inbiegh peress li dan kien gie assenjat lill-mara. Wara li skopra li anke s-serratura tad-dar kienet inbidlet, rega' ha parir legali fejn gie infurmat li minghajr dik l-iskrittura m'ghandu xejn. Rega' staqsa lill-avukat Busuttil ghal kopja taghha izda r-risposta kienet fin-negattiv izda sadanittant kienet waslet il-*partner* tar-rikorrent li semghet dak li kien qed jinghad mill-*waiting room*, dahlet fl-ufficcju u kif gara hekk, l-avukat inhasad u tah il-*file*. Fil-*file* kien hemm l-original tal-iskrittura in kwistjoni. Ir-rikorrent ha pariri legali fuq l-iskrittura u gie intavolat ukoll mandat ta' inibizzjoni (li gie michud) u gew intavolati l-proceduri odjerni wara li l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx *stante* li l-intimata ma dehritx ghas-seduti. Saret ukoll kwerela formali kontra l-avukat u l-intimata sabiex jigu investigati fuq l-

agir taghhom relattiv ghall-iskrittura privata. Ir-rikorrent jispjega wkoll li fil-*file* kien sab ittra datata t-22 ta’ Awwissu 2005[4] u li permezz taghha jikkontendi li l-avukat Busuttil kien diga’ l-avukat taghha tal-intimata qabel ma agixxa ghalihom fis-separazzjoni.

**Dwar l-Ewwel Eccezzjoni**

Illi l-intimata tikkontendi li r-rikorrent ghandu jindika b’mod car fuq liema disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-ligi qed isejjes il-kawza tieghu u dan *stante* li tikkontendi li l-istess kawza m’hijiex wahda cara.

Min-naha tieghu, ir-rikorrent jaghmel referenza ghal Dok. C anness mar-rikors promotur u li permezz tieghu jikkontendi li hemm spjegat car ir-ragunijiet tal-kawza. Abbazi tal-istess, jaghmel referenza wkoll ghar-Regolament 9(1) tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003, b’referenza specifika ghal subinciz (c) li jirregola bidliet f’kull haga regolata minn sentenza ta’ firda personali jew minn kuntratt ta’ firda personali.

Il-qorti, tirrileva li mill-premessi tal-kawza kif ukoll mid-dokumentazzjoni annessa jirrizulta car li r-rikorrent qieghed jintavola l-kawza odjerna bl-intenzjoni cara li jkun hemm bdil fil-kuntratt ta’ separazzjoni. Jekk dan isehhx jew jekk tirnexxiex tali talba hija kwistjoni li trid tigi deciza aktar ‘il quddiem. Pero’ mill-qari tar-rikors promotur, l-qorti m’ghandha ebda dubju dwar x’tip ta’ kawza qed jintavola r-rikorrent u cioe’ dik ta’ bdil ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, liema bdil ghandu jkun (dejjem skont ir-rikorrent) fis-sens li dak imnizzel fl-iskrittura privata jigi inkorporat ukoll fil-kuntratt. Huwa minnu li tissemma l-frodi jew agir illegali da parti tar-rikorrent izda fil-fehma tal-qorti dan isir bhala bazi ta’ argument ghal dak li ghandu x’jaqsam mac-cirkustanzi li wasslu lill-istess rikorrent sabiex jintavola l-kawza odjerna *stante* li (dejjem skont hu) l-intimata (bhall-avukat Busuttil) kienet taf li l-iskrittura privata ma kellhiex il-forza tal-ligi.

[4] Ara a fol 83 tal-process

**Dwar it-Tieni Eccezzjoni**

L-intimata tikkontendi li r-rikorrent kien kopartecipi f'dak kollu li sehh u li ghalhekk issa ma jistax jipproponi l-azzjoni odjerna abbazi tal-Artikolu 991(2) tal-Kap. 16 u l-principju ta' *fraus omnia corrumpit*.

Ir-rikorrent jikkontendi li l-Artikolu 991(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta citat mill-intimata jitkellem fuq kawza li hija illecita izda l-istess rikorrent jikkontendi li kemm il-kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll l-iskrittura mertu tal-kawza m'ghandhomx kawza illecita, izda kien l-agir tal-intimata u l-avukat li kien illecitu u frawdolenti. Ghalhekk jikkontendi li din l-eccezzjoni hija wahda bla bazi.

Il-qorti tirrileva li bhala qorti ta' gudikatura civili (Sezzjoni Familja) zgur li m'ghandhiex il-kompetenza jew il-gurisdizzjoni sabiex tiddikjara jekk kuntratt jew skrittura ghandhomx kawza lecita jew le. Jekk ir-rikorrent kienx kopartecipi fil-pubblikazzjoni tal-kuntratt u l-iffirmar tal-iskrittura privata jrid jigi deciz meta l-qorti tisma' l-provi kollha fil-mertu u mhux f'dan l-istadju.

Jidher car (u dan anke mill-premessi tal-istess kawza) li r-rikorrent m'huwiex qed jitlob li l-kuntratt ta' separazzjoni jew l-iskrittura privata jigu dikjarati nulli. Anzi, qed jitlob li l-istess skrittura tigi nkorporata fil-kuntratt b'tali mod li dawn jigu konsidrati flimkien bhala formanti parti mill-istess kuntratt. In vista ta' dan u in vista tal-fatt li jidher car li r-rikorrent jilmenta mill-agir tal-intimata u tal-avukat li wasslu ghall-publikazzjoni tal-kuntratt u l-iffirmar tal-iskrittura privata, l-qorti thoss li l-aspett ta' frodi huma x-xenarju li fihom gew iffirmati l-kuntratt u l-iskrittura, izda l-validita' tal-istess m'hijiex qed tigi kontestata.

**Dwar it-Tielet Eccezzjoni**

L-intimata tikkontendi li l-avukat imsemmi, Dr. Mark Busuttil ghandu jigi kjamat in kawza sabiex jirrispondi ghall-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tieghu. Min-naha l-ohra, r-rikorrent jikkontendi li dan mhux guridikament possibbli ghaliex dak li qed jitlob l-attur jikkoncerna biss lilu u lill-intimata u lil hadd aktar u konsegwentement m'ghandu ebda *locus standi* f'dawn il-proceduri.

Il-qorti tirrileva (kif wara kollox diga' sostniet aktar 'il fuq) li din il-kawza m'hijiex wahda li permezz taghha r-rikorrent qed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt jew li jigi dikjarat li huwa null abbazi tal-allegat agir tal-avukat Busuttil. Dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa bdil f'kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejnu u bejn martu b'dan li l-avukat m'ghandu xejn x'jirrispondi. *Se mai* l-istess avukat ikun f'posizzjoni li jirrispondi f'forum iehor u fi proceduri ferm differenti minn dawk odjerni, *stante* li l-kawza odjerna tista' tinkwadra ruhha biss bejn il-partijiet u cioe' l-koppja li sseparaw u xejn aktar. Kwalunkwe pretensjoni jew kjarifikazzjoni (ad eccezzjoni tal-fatt li l-imsemmi avukat jista' jissejjah jixhed (dejjem jekk jigi ezentat mis-sigriet professjonali)) trid necessarjament issir quddiem qorti ohra u mhux quddiem din il-Qorti.

**Dwar ir-Raba' Eccezzjoni**

L-intimata tikkontendi li l-kawza odjerna hija monka ghaliex ir-rikorrent missu mexxa b'kawza ta' rexxissjoni abbazi ta' frodi, *stante* li min-naha qieghed jallega l-frodi u min-naha l-ohra jrid li l-kondizzjonijiet li saru b'agir frawdolenti jigu nkorporati fl-att ta' separazzjoni.

Min-naha tieghu r-rikorrent jikkontendi li din l-eccezzjoni hija intenibbli *stante* li (kif diga' intqal aktar 'il fuq) m'huwiex jallega vizzju tal-kunsens (anzi jiddikjara li jaqbel mal-kontenut tal-iskrittura privata) imma qieghed

jikkontendi li tali skrittura privata ghandha tigi amalgamata mal-kuntratt ta' separazzjoni biex jiffurmaw kuntratt wahdieni.

Il-qorti, anke abbazi ta' dak li diga' rreteniet ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni, terga' tirrileva li gialadarba l-validita' tal-kuntratt jew tal-iskrittura privata m'humiex qed jigu attakkati anzi r-rikorrent qed jitlob li l-iskrittura tkun inkorporata f'kuntratt (ghaliex jghid li kienet tirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet), allura l-frodi msemmija mill-istess rikorrent hija wahda li taghti r-retroxena tal-fatti b'dan li l-intimata u l-avukat mexxewh biex jiffirma skrittura privata minflok ma dan jigi inkorporat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni ghaliex kienu jafu li l-iskrittura ma setghetx tigi infurzata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi **tichad** l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawza odjerna.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------